KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Disgħa u Għoxrin (29)***

***It-Tlieta, 16 ta' Marzu, 2021***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' b'mod virtwali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

## 29.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji

29.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

29.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 27 li nżammet nhar it-Tlieta, 9 ta' Frar, 2021.

29.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 27 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

29.2.3 **Mozzjoni 29-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 27.

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 27 ġew approvati unanimament.

29.2.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 28 li nżammet nhar it-Tlieta, 23 ta' Frar, 2021.

29.2.5 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 28 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

29.2.6 **Mozzjoni 29-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 28.

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Minuti Numru 28 ġew approvati unanimament.

## 29.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

### A. *Skeda ta' Pagamenti : Numru 29 (08) – Marzu 2021*

29.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 29(08) biċ-ċekkijiet numru 7162 sa 7163 kif ukoll pagamenti permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 9864 sa 9900 li jammontaw €19,668.26

29.3.2 Il-Kunsillier Andreas Gatt semma l-kontijiet pendenti tal-knis. Il-Kunsill qabel li jiżdiedu mal-ħlasijiet il-kont tal-knis ta' Lulju u Awwissu 2020 bl-aamont ta' €2633.23 u €2535.70 rispettivament. Importanti li tinġibed l-attenzjoni li l-kontijiet għandhom jintbagħtu kull xahar. L-penali li l-Kunsill qabel magħhom fil-laqgħa li għaddiet se jkunu qed jitnaqqsu mill-pagament ta' Frar 2021.

29.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll l-aħħar pagament tal-bandli li jammonta għal €37,470.87. Il-Kunsill qabel li la l-Perit iċċertifika kollox, l-ammont pendenti għandu jitħallas.

29.3.4 **Mozzjoni 29-03**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 29(08) bl-ammont ta' €19,668.26 kif ukoll l-materji mressqa f'29.3.2 u 29.3.3

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 29(08) ġiet approvata unanimament.

## 29.4 Korrispondenza

29.4.1 Għandna Korrispondenza mingħand żewġ residenti li joqogħdu fi Triq il-Kunċizzjoni fejn dawn qed jitolbu li jsir xi ħaġa minħabba li l-isqaq huwa dejjaq u minnu qed jgħaddu vetturi kbar b'konsegwenza li qegħdin jigbdu l-faċċati tad-djar tan-nies. Għaldaqstant se nressqu vot sabiex issir bollard fil-biċċa fejn tidjieq it-triq.

Favur: 3 (Christine Dalli, Rose Agius, Andreas Gatt)
Kontra: 1 (Keith Fenech)
Astensjonijiet: 1 (Darren Abela)

Is-Sindku Darren Abela qal li hu jipproponi li jsiru żewġ bollards fil-ġnub tat-triq biex jindikaw kemm hemm wisa' biex tgħaddi karozza. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li hu qatt ma qabel li toroq minn fejn jistgħu jgħaddu anki karozzi żgħar m'għandhux jingħalaq l-aċċess. Għaldaqstant minħabba li l-maġġoranza taqbel li ssir bollard, il-Kunsill se jkun qed jipproċedi billi ssir bollard fejn tidjieq it-triq.

29.4.2 Għandna korrispondenza mingħand l-Eko skola, fejn qed jipproponu li jekk il-Kunsill jaqbel li titħallas il-miżata tal-Eko-skola nimlew formola sabiex din titħallas kull sena. Dwar dan il-Kunsill qabel.

29.4.3 Irċevejna disinn sabiex isiru Merħba Signs. Il-Kunsill approva dan id-disinn u se jkun qed jitlob għall -kwotazzjonijiet biex dawn isiru. Is-Sindku Darren Abela ppropona li jingħata ktieb bħala rikonoxximent lill-persuna li għamel id-disinn.

29.4.4 Rigward il-bins tal-Principessa, l-Kunsill qabel unanimament li jagħmel l-istess bħal ma mexa ma ħwienet oħra u jitlob li titneħħa l-iskip sa nhar il-Ġimgħa, f'każ li dan ma jsirx din se tkun qed titneħħa mill-Kunsill.

29.4.5 Għandna korrispondenza rigward Fond tal-Aġġustament fejn apparti l-allokazzjoni, kull lokalita' għandha €3000 biex tinvestihom fi proġett. Il-Kunsillier Keith Fenech kellu proposta sabiex isiru l-fanali fl-isqaqin. Dwar dan il-Kunsill qabel.

29.4.6 Għandna korrispondenza mingħand il-LESA fejn il-Kunsilli jistgħu jibbenefikaw minn fond ta' massimu ta' €80,000 fi proġetti innovattivi. Il-Kunsillier Keith Fenech kellu proposta li b'dan il-fond inkomplu l-proġett ta' Santu Rokku. Bhala it-tieni preferenza għandna nikkunsidraw li jsiru l-pavimentar ta' xi sqaqin u t-tielet preferenza nistgħu nipproponu t-Turetta. Dwar dawn il-proposti l-Kunsill qabel.

**29.5 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

29.5.1 Kellna talba sabiex issir estensjoni ta' bankina fi Triq Santu Rokku. Il-Kunsill qabel li din il-materja l-aħjar li din tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss sabiex min irid jista' jmur jara fuq il-post.

29.5.2 Rigward it-toqob ta' Triq il-Belt Valletta, is-Sindku Darren Abela ġab kwotazzjoni ta' €354 bil-VAT għal kull toqba. Fl-aħħar komunikat mal-kuntrattur il-prezz ġie mnaqqas għal €5280 għall-40 toqba. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol jitħallas.

29.5.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex issir *road hump* fi Triq il-Fejġel. Il-Kunsill ma qabilx li ssir.

29.5.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex issir rampa fil-Housing Estate. Il-Kunsill qabel li jġib l-approvazzjoni ta' Infrastructure Malta u CRPD sabiex jigwidawna kif l-aħjar issir.

29.5.5 Tressqet talba sabiex Triq ic-combini (fejn il-monument tal-annimali) titwessa' t-triq. Il-Kunsill qabel li jibgħat lill-IM sabiex titwessa' t-triq.

29.5.6 Is-Sindku ressaq diversi ilmenti rigward il-*lights* ta' Vjal il-Labour. Huwa propona li nerġgħu inkellmu lill-IM kif ukoll lill-AKL sabiex jigwidawna. Il-Kunsill qabel.

29.5.7 Is-Sindku ressaq talba sabiex isiru bollards fejn il-mużew tas-subien. L-ahjar li din titressaq fil-laqgħa li jmiss sabiex kulħadd ikun jista jmur fuq il-post u jara.

29.5.8 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-meter tal-Pjazza fejn qal li kien hemm problema. Il-kwotazzjoni li kienet tressqet kienet għal kaxxa biss, mingħajr il-wiring u l-*Earth Electrode*. Għaldaqstant l-ispiża għal meter tal-Pjazza se tammonta għal €1195 filwaqt li tal-funtana tal-Bypass l-ispiża se tkun ta' €1083. Il-Kunsill qabel li minħabba li huma bżonjużi hemm bżonn li jsiru.

29.5.9 Rigward il-fanali ta' Santu Rokku, il-Kunsill taż-Żejtun għandhom tlieta u jistgħu ibiegħuhomlna għal €300 il wieħed mingħajr il-ġarr. Filwaqt li tal-Kalkara ukoll għandhom wieħed li jistgħu ituhulna b'xejn. Is-Sindku Darren Abela qal li se jkellem lill-Perit biex jgħidilna kemm għandna bżonn u nimxu minn hemm.

29.5.10 F'laqghat precedenti konna għaddejna kwotazzjoni sabiex isir tindif bil-gaffa Triq Ħas-Saptan. Is-Sindku staqsa jekk għandhiex ssir jew inkellmu lill-Cleansing sabiex forsi jnaddfulna huma. Il-Kunsill qabel li jkellem lill-Cleansing.

29.5.11 Is-Sindku Darren Abela qal li fil-jiem li ġejjin se jkun qed jibgħat għall-*enforcement* fiż-żona tal-ħruġ ta' Triq it-Tumbarellu.

## 29.6 Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera

29.6.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm bżonn jiżdied id-dawl fil-Bypass fiż-żona residenzjali faċċata tal-Monument tal-annimali.

29.6.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli fakkret dwar id-dawl li kellu jiżdied fi Triq is-Settembrina.

29.6.3 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm bżonn tindif fiż-żona taż-Żebbug u jitpoġġew xi dustbins.

29.6.4 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm bżonn jittella ċ-ċint ta' Triq il-Belt Valletta kantuniera ma Triq il-Gistakor biex ma jkomplux jarmu fil-kantuniera. Dwar dan il-Kunsill qabel. Nistgħu ukoll nagħmlu xi tpinġija ma dan l-istess ħajt ta' 4 filati.

29.6.5 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li hemm bżonn titwahhal *no entry sign* int u ħiereġ minn Triq il-Wilġa man-naħa tal-bini.

29.6.6 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li kienet tressqet f'laqgħat preċedenti li titwaħħal mera fi Triq Has-Saptan. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet twaħħlet mera mill-ħaddiema tal-Kunsill. Jista' jkun ma saritx fl-istess post li qed nirreferu għalih. Se tkun qed tiċċekja dwar dan.

29.6.7 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet ukoll li hemm bżonn jinkines fuq iz-zuntier.

29.6.8 Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li hemm bżonn jintbagħat reminder rigward il-proposta tat-Traffic Management li l-Kunsill propona f'laqgħat preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li diġa ntbagħat iżda se tkun qed terġa tibgħat.

29.6.9 Il-Kunsillier Andreas Gatt staqsa jekk il-Kunsill ingħatax tweġiba dwar il-*priority lane* li l-Kunsill ppropona biex issir f'Tal-Barrani. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ma kien hemm l-ebda risposta u se tkun qed terġa' tibgħat reminder.

**29.7 Mozzjonijiet**

Annessi mal-Minuti

**29.8 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

Il-Laqgha ġiet aġġornata għat-Tlieta 13 ta' April 2021 fil-5.30pm

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.15pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar<br>Segretarju Eżekuttiv | ikkonfermati<br>Darren Abela<br>Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 29**

**Mozzjoni Ref:** 29-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 27

| | |
|---|---|
| **Andreas Gatt**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

**Data:** 16 ta' Marzu 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 29**

**Mozzjoni Ref: 29-02**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Laqgħa Numru 28

**Keith Fenech**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

**Data:** 16 ta’ Marzu 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 29**

**Mozzjoni Ref: 29-03**

Biex jigi approvat l-iSkeda ta' Pagamenti – Marzu 2021

| | |
|---|---|
| **Andreas Gatt**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 16 ta' Marzu 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**